# Il-M.U.S.E.U.M. tas-Subien fil-Ġzira

Jason Pawney

Fl-1907 is-saċerdot żagħżugħ Dun Ġorġ Preca waqqaf is-Soċjetà tal-Museum bl-iskop li tgħallem il-kelma ta' Alla. L-ewwel dar li nfetħet kienet fil-Ħamrun. Kien it 8 ta' Diċembru 1934 meta nfetaħ l-ewwel post għat-tagħlim tad-duttrina fil-parroċċa tal-Gżira, fi Triq Reid nru 42 u d-duttrina bdiet tiġi mgħallma għall-ewwel darba fit-13 ta' Diċembru 1934. Il-ftuħ ta' din id-dar sar bl-inizjattiva personali ta' Dun Ġorġ fi żmien l-ewwel Kappillan Dun Anton Manche`. Minħabba li-s-soċji ħassew li l-Qasam kien żgħir, krew l-ewwel dar fi Triq Ponsonby nru 71 sakemm ġew fil-Qasam fejn ninsabu llum.



Is-Superjur Ġenerali Eugenio Borg għażel lil Ġużeppi Saliba, soċju mill-Ħamrun bħala l-ewwel Superjur tal-Ġżira fl-14 ta' Lulju 1935

Fil-15 ta' Ġunju tal-1935 tressqu 37 tifel għall-ewwel tqarbina fil-parroċċa. Imbagħad fis-26 ta' Ġunju tal-istess sena sar l-ewwel soċju Carmelo Callus. Dan kien organizza kor tat-tfal li fl-14 ta' Lulju 1935 kantaw innijiet quddiem il-Madonna tal-Karmnu fil-festa titulari tal-parroċċa. Kien fil-15 ta' Diċembru 1935 li l-Qasam ressaq 6 itfal għas-sagrament tal-Griżma tal-Isqof. Fil-Milied tal-1936 saret għall-ewwel darba il-purċissjoni tal-Bambin. Fiż-żmien il-gwerra sar diffiċli għall-Qasam billi waqgħu xi bombi l-Gżira u waqgħu ukoll xi djar. In-nies tal-Gżira bdew jevakwaw fi rħula oħra u għalkemm it-tfal bdew jonqsu ħafna il-Qasam baqa' miexi xorta waħda.



Fl-1946 il-Qasam ġie ikkonsagrat lill-Qlub ta' Ġesu' u Marija. Il-Museum fil-Gżira beda jimxi 'l quddiem fil-ħidma tiegħu u kienu diversi dawk iż-żgħażagħ mill-parroċċa tal-Gżira li wieġbu għas-sejħa museumina u ngħaqdu mas-Soċjeta' billi saru soċji.

Fit-8 ta' Diċembru 1959 ġie ċċelebrat il-25 anniversarju mill-ftuħ tal-Qasam, billi saret quddiesa fil-Qasam u fil-għaxija Te Deum mill-kappillan Dun Pawl Galea



li permezz tiegħu ġie akkwistat dan il-Qasam li qegħdin fih issa.
Il-Qasam ġarrab il-mewt ta' żewġ soċji: Victor Imbroll fl-14 ta' Frar 1961 u Peter Sammut li fit-8 ta' Mejju 1961 kien waqa' minn fuq il-kappella tal-Blata l-Bajda li kienet qed tinbena.

Beda jinħass il-bżonn li l-Qasam jinxtara u jitkabbar minħabba li n-numru tat-tfal beda jiżdied. Għalhekk fis-26 ta' Lulju 1982 inbeda x-xogħol tal-bini.

Fl-għeluq 50 sena tal-Museum tal-Gżira ġiet imbierka Kappella l-ġdida u klassijiet ġodda fil-Qasam permezz ta' quddiesa li saret fil-Qasam mill-wisq Rev. Dom Angelo Mifsud OSB Abbati tal-Benedittini flimkien mal-Kappillan Dun Walter Cauchi.

Illum aktar min 75 sena minn meta nfetaħ il-Museum fil-Gżira il-ħidma tiegħu għada għaddejja u għadu jifforma u jofri gwida lit-tfal u liż-żgħażagħ u adulti fil-mixja tal-fidi tagħhom. Filwaqt li jsir dan, il-Museum joffri wkoll ambjent san fejn it-tfal u ż-żgħażagħ jkunu jistgħu jiltaqgħu u jirrikrejaw ruħhom bħala grupp. Fil-Museum tingħata wkoll l-opportunita' lil dawk li jattendu, li jiżviluppaw il-kwalitajiet personali tagħhom.


**Professional Clock Repair & Servicing**

*Visit our website for more information Terms & Condition apply.*

The Name you can trust

the Clock Studio

*11, Turu Rizzo Street Gżira GZR 1645, Malta*
*Tel: +356 21 339632 / Mob: +356 9949 2386*
*E-mail: info@theclockstudio.com*
*Url: http://www.theclockstudio.com*



*For Professional free clock maintenance advice, contact: Lino Attard*